MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 158/2000/3

**L-Avukat Dottor Kevin F. Dingli u l-Avukat Dottor Suzanne Shaw, fil-kwalita` taghhom bhala mandatarji specjali tas-socjeta` estera Weco Pyrotechnische Fabrik Gmbh, ta' Eitorf, Germanja**

**v.**

**Raymond Mamo u Joseph Mamo in solidum bejniethom, gestenti n-negozju bl-isem "Mamo Pyrotechnics and Novelties"**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Jannar, 2000 l-atturi nomine ppremettew illi l-konvenuti, in solidum bejniethom, ghandhom jaghtu lis-socjeta` attrici estera s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf tlett mija u seba' Deutschemark u hamsin pffening (**DM21,307.50**), fl-ekwivalent taghha din is-somma f'Liri Maltin skond ir-rata tal-kambju prevalenti fid-data tal-eventwali sentenza li tigi moghtija mill-Qorti, u dana import ta' diversi merci lilhom mibjugha u konsenjati mill-istess socjeta` attrici estera skond il-fattura numru 151572 datata 18 ta' Gunju 1997 (annessa mac-citazzjoni u mmarkata bhala Dokument "B"), bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' l-istess fattura sal-hlas effettiv; illi nonostante illi gew interpellati diversi drabi mill-atturi nomine sabiex jaddivjenu ghall-pagament, ukoll permezz ta' ittra ufficjali pprezentata fid-29 ta' Jannar 1999, huma baqghu inadempjenti; dan premess l-atturi talbu li dik il-Qorti:-

1. li l-konvenuti jigu kkundannati, in solidum bejniethom, sabiex ihallsu lill-atturi nomine is-somma ta' wiehed u ghoxrin elf tlett mija u seba' Deutschmark u hamsin pffening (**DM21,307.50**) fl-ekwivalenti taghha din is-somma f'liri Maltin skond ir-rata tal-kambju prevalenti fid-data tal-eventwali sentenza li tigi moghtija minn din l-Onorabbli Qorti, bl-imghaxijiet legali mit-18 ta' Gunju 1997 sal-hlas effettiv, prezz ta' diversi merci lilhom mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta` attrici estera.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-25 ta' Awissu 1998 kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Jannar 1999, kontra l-konvenuti illi huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni.

Il-konvenut Raymond Mamo, li kien baqa' kontumaci, inghata l-fakolta` li jikkontesta t-talba attrici u jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet permezz ta' sentenza preliminari tat-12 ta' April, 2000.

Fit-18 ta’ April, 2000 il-konvenut Raymond Mamo pprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet fejn eccepixxa:-

Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici ghandhom jigu michuda stante illi fil-fatt u fid-dritt dawn ma jirrizultawx u waqt it-trattazzjoni tal-kawza ser tigi ppruvata illi l-merkanzija allegatament mibghuta lejn Malta kienet nieqsa sew ghal dik ordnata u ghalhekk l-konvenut kien hallas ghal dik il-merkanzija mibghuta.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza tat-30 ta’ April, 2003 meta laqghat t-talbiet attrici u konsegwentement ikkundannat lill-konvenut [recte: konvenuti] sabiex ihallas lill-atturi nomine s-somma ta’ wiehed u ghoxrin elf tlett mija u seba’ Deutschmark u hamsin pffening (DM21,307.50), fl-ekwivalent taghha din is-somma f’liri Maltin skond ir-rata tal-kambju prevalenti fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni. Bl-imghaxijiet legali kif mitluba sal-hlas effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenut [recte: konvenuti] u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“L-attur noe qed jitlob somma bilancjali rapprezentanti prezz ta’ diversi merci mibjugha u konsenjati lill-konvenut. Il-konvenut eccepixxa li huma kienu hallsu biss nofs l-ammont tal-merkanzija lis-socjeta` attrici billi huma kienu rcevew biss nofs il-konsenja. Huwa ghamel riferenza ghad-dokumenti minnu ezibiti fejn minflok l-ammonti ta’ 314 cartons u 3.054 KGS Grossweight, li hemm indikati fil-Bill of Lading a fol. 101, huwa rceva biss Pkgs 126 u Gross weight KGC 1370. (Fol. 98).

“Illi skond id-dokument a fol. 47 u 80 mibghut mill-mara tal-konvenut Raymond Mamo, Marica (xebba) Falzon, fit-2 ta’ Lulju 1997, hi kienet infurmat lill-atturi li “the goods arrived to us in the best condition …..” u weghdet li “We will pay you as agreed”. Fil-korrispondenza sussegwenti li ghaddiet bejn il-partijiet meta l-atturi kienu qed jitolbu l-pagament tal-bilanc dovut, il-konvenut qatt ma semma li ma kienx ser ihallas, jew li kien hemm *shortages*, imma

rrefera biss ghal allegat ksur ta' sole agency agreement u xejn aktar. (ara fol. 45, 50-51)

"Marika Mamo xehdet li f'dina l-fax hija ma kienitx qed tirreferi ghal *goods* li kienu waslu *in the best condition*, imma ghas-*samples*, ghax ghaliha *goods* u *samples* huma l-istess haga. Il-Qorti hi tal-fehma li dan mhux verosimili billi x-xhud, li kienet taghmel ordnijiet u zzomm l-*accounts*, kienet taf id-differenza bejn *samples* u *goods* u fil-*fax* li baghtet hemm din id-distinzjoni bejn dawn iz-zewg kelmiet uzati.

"Inoltre jirrizulta mill-*Bill of Lading* li s-socjeta` attrici kienet effettivament baghtet u llowdjat fil-vapur l-ammont indikat fil-Bill of Lading li kien verifikat mill-carrier. Ir-responsabbilita` tas-shipper tispicca meta hu jibghat fuq il-vapur l-ammont li jidher fil-*Bill of Lading*. Dana d-dokument jidher li huwa *clean* u ma hemmx notamenti fuqu. Il-*freight* fuq l-ammont mibghut KG3054 kien *prepaid* (fol. 101).

**L-appell tal-konvenuti.**

Il-konvenuti hassew ruhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u b'hekk b'rikors intavolat fid-19 ta' Mejju, 2003 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-imsemmija sentenza billi tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u ghalhekk tilqa' l-appell maghmul mill-istess sentenza billi ma ssibx lis-socjeta` konvenuta responsabbli thallas ghall-ammont mitlub bl-ispejjez kontra l-atturi.

Is-socjeta` attrici appellata pprezentat risposta ghall-appell tal-konvenuti fejn talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, s-sentenza appellata tigi konfermata u l-appell jigi michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi a kariku ta' l-istess konvenuti.

**L-aggravju tal-konvenuti.**

Il-konvenuti ressqu bazikament aggravju wiehed kontra s-sentenza appellata u dan huwa fis-sens li l-ewwel Qorti skartat l-aktar prova importanti u essenzjali li giet mressqa

quddiemha. Din il-prova, tant importanti skond l-konvenuti, kienet tikkonsisti fid-dokument rilaxxjat minn Bianchi Trading and Shipping Limited, li kopja tieghu tinsab a fol. 98 tal-process, li juri li l-konvenuti rcevew biss Pkgs 126 ta' Gross Weight KGS 1370 minflok l-ammont indikat fil-Bill of Lading.

Hawn izda l-appellanti ma humiex korretti billi l-ewwel Qorti kkunsidrat din il-prova meta fil-parti konkluziva tal-konsiderazzjonijiet taghha qalet espressament hekk:
"Inoltre jirrizulta mill-Bill of Lading li s-socjeta` attrici kienet effettivament baghtet u llowdjat fil-vapur l-ammont indikat fil-Bill of Lading li kien verifikat mill-carrier."

L-istess Qorti, f'dan il-kuntest, kompliet tghid li:
"Ir-responsabbilita` tas-shipper tispicca meta hu jibghat fuq il-vapur l-ammont li jidher fuq il-Bill of Lading. Dan id-dokument huwa clean u ma hemmx notamenti fuqu."

Ghalhekk, gialadarba rrizulta lill-ewwel Qorti li l-merkanzija tghabbiet fuq il-vapur, id-dokument rilaxxjat minn Bianchi Trading and Shipping Limited ma kellu ebda rilevanza ghad-determinazzjoni tal-kwistjoni. Dan seta' biss jservi bhala prova fi proceduri li, se mai, setghu jigu istitwiti mill-konvenuti kontra l-carrier jew il-persuna li hadet konsenja tal-merkanzija hekk kif nizlet Malta, izda ma jnaqqas xejn mid-dritt tas-socjeta` attrici li tithallas tal-merkanzija li giet kuntrattata li tibghat u li, kif jidher mill-Bill of Lading, hija baghtet.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuti qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------